MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 239/2003

**Giovanna Schembri**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi hija twieldet fil-Belt Valletta fit-30 ta’ Settembru 1931, u dan it-twelid gie registrat fis-7 t’Ottubru 1931 u nghata n-numru ta’ iskrizzjoni 6355/1931 (Dok “A”);

Illi missier l-attrici kien jismu Giuseppe Borg izda maghruf bhala Giuseppe Borg Bonaci, liema kunjom kien gie rikonoxxut anke’ b’mod ufficjali tant li sia fic-certifikat tal-mewt tieghu (*vide* Dokument “B”) kif ukoll fic-certifikat tal-

mewt ta' martu Maria (*vide* Dokument "C") kemm huwa u kemm martu Maria huma ndikati bhala kunjomhom BORG BONACI;

Illi tul hajjet l-attrici, kemm hi u kemm il-familjari taghha dejjem u konsistentement kienu maghrufa u msejha mill-familjari u hbieb bil-kunjom Borg Bonaci;

Illi hija ghandha nteress li c-certifikat tat-twelid taghha jkun jirrifletti l-isem u l-kunjom li hija kienet tissejjah bih konsistentement, u ghalhekk li temendah *ai termini* ta' **artikolu 253 subinciz (2) tal-Kodici Civili**;

Illi l-attrici zzewget lil Carmel Schembri fil-Hamrun fit-28 t'April 1953, liema zwieg gie registrat b'Att ta' l-10 ta' Marzu 1967 u jgib in-numru ta' iskrizzjoni 370/1967 (Dok "D"), u l-attrici ghandha nteress li anke' dan ic-certifikat jigi emendat biex jirrifletti t-tibdil li qed jintalab fic-certifikat tat-twelid, u dan *ai termini* ta' **artikolu 253 subinciz (3) tal-Kodici Civili**.

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara li l-attrici u missier l-attrici, igibu l-kunjom ta' **Borg Bonaci**, u mhux **Borg**;

2. Tordna li l-Att tat-twelid ta' l-attrici li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 6355 ta' l-1931 (Dokument A) jigi emendat fis-sens li fil-kolonna intestata Isem u Kunjom tal-genituri tat-tarbija, (i) missier it-tarbija ghandu jigi indikat bhala **Giuseppe Borg Bonaci** minflok **Giuseppe Borg**, u (ii) omm it-tarbija ghandha tigi ndikata li hija l-mara ta' **Giuseppe Borg Bonaci,** minflok tibqa' indikata bhala mart **Giuseppe Borg.**

3. Tordna li l-Att taz-zwieg ta' l-attrici li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 370 ta' l-1967 jigi emendat fis-sens li (i) fil-kolonna intestata *Isem u Kunjom il-mara mizzewga,* l-isem **GIOVANNA known as VANNA BORG** ghandu jigi korrett u sostitwiti bl-isem **GIOVANNA known as VANNA BORG**

**BONACI;** u (ii) fil-kolonna intestata *Isem u l-kunjom, jekk hajjin jew mejtin, tal-Missirijiet u ommijiet l-gharajjes,* missier il-mara indikat bhala **JOSEPH BORG (dead)** ghandu jigi korrett u sostitwit bil-kliem **JOSEPH BORG BONACI (dead).**

L-intimat huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process.

Rat il-lista ta' xhieda u l-lista tad-dokumenti esebiti a fol 4 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat ir-rikors ta' Giovanna Schembri datat 18 ta' Lulju, 2001, fejn talbet li jigi gradwit lilha l-beneficju tal-Ghajnuna Legali.

Rat id-digriet datat 19 ta' Lulju, 2002, fejn il-Qorti laqghat it-talba u assenjat lil Avukat Dr.Leslie Cuschieri u lil Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici bhala difensuri tar-rikorrenti.

Rat id-Digriet li jipprovdi ghall-prezentata tal-affidavits attrici datat 9 ta' April, 2003.

Rat id-Digriet li jipprovdi ghal nota ta' eccezzjonijiet datat 9 ta' April, 2003.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut d-Direttur tar-Registru Pubbliku tat-23 ta' Mejju, 2003 a fol 22 fejn gie eccepit:

1. Illi, jekk jigi ppruvat li missier l-attrici kien maghruf u kien juza l-kunjom 'Borg Bonaci' matul hajtu, l-esponent jaderixxi ruhu ghat-talba attrici;

2. Illi, l-intavolar ta' din il-kawza mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta' l-esponent li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol 23 u l-lista tax-xhieda a fol 24 tal-process.

Rat in-nota tal-attrici Giovanna Schembri datat 27 ta' Mejju, 2003 li permezz taghha esebit l-affidavit taghha u c-certifikat tat-twelid ta' huha Vincent Borg Bonaci li gie mmarkat bhal Dok. "E".

Rat il-verbal datat 10 ta' Gunju, 2003.

Rat il-verbal tat-13 ta' Novembru, 2003 fejn inghata digriet affidavit konvenut b'terminu ta' 30 gurnata.

Rat il-verbal tal-20 ta' Jannar, 2004 fejn il-kawza giet diferita ghas-sentenza ghad-29 ta' Jannar, 2004.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PROVI PRODOTTI.

Illi l-attrici **Giovanna Schembri** fl-affidavit taghha li gie prezentat permezz ta' nota datata 27 ta' Mejju, 2003 tghid:-

*"Jiena twelidt fil-Belt Valletta fit-30 ta' Settembru, 1931 minn Giuseppe Borg Bonaci u Maria nee' Fiteni, u dan it-twelid gie registrat fis-7 ta' Ottubru 1931. Missieri twieled b'kunjomu Borg, izda sar maghruf bhala Giuseppe Borg Bonaci, liema kunjom kien gie rikonoxxut anke' b'mod ufficjali tant li sia fic-certifikat tal-mewt tieghu (vide Dok. "B" anness mac-citazzjoni) kif ukoll fic-certifikat tal-mewt tal-mama (vide Dok. "C" mac-citazzjoni) iz-zewg genituri tieghi huma indikati bhala kunjomhom BORG BONACI. Fil-fatt anke' meta twieled hija Vincent fil-11 ta' Settembru 1943, fic-certifikat tat-twelid tieghu tnizzel li huwa bin Giuseppe Borg Bonaci u Mary Borg Bonaci (ara certifikat hawn anness Dok. "E");*

*Illi, tul hajti kemm jien u kemm il-familjari tieghi dejjem u konsistentement konna maghrufa u msejha mill-familjari u hbieb bil-kunjom Borg Bonaci. Ghalkemm jiena mizzewga u kunjomi nbidel ghal Schembri, ghandi nteress li c-certifikat tat-twelid tieghi jkun igib kunjomi shih, minhabba li minn zmien ghal zmien jien u uliedi nkunu rridu nindikaw kunjomi xebba."*

**(ii) <u>APPREZAMENT TAL-PROVI PRODOTTI.</u>**

Illi din il-kawza titratta dwar talba ghall-korrezzjoni fic-Certifikat tat-Twelid ta' l-attrici numru 6355/1931 *stante* li l-attrici qed tallega li fil-fatt hi kienet dejjem maghrufa bil-kunjom "Borg Bonaci" u mhux "Borg" kif indikat fl-istess Certifikat.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici lkoll gew ippruvati, u fil-fatt lanqas biss huma kkontestati, u dan jinsab ikkonfermat ukoll mic-certifikat tal-mewt ta' missier l-attrici stess Nru 911/1948, mic-certifikat tal-mewt ta' omm l-attrici Nru 2362/1986 u mic-certifikat tat-twelid ta' hu l-attrici Vincent Borg Bonaci Nru 8170/1943. Illi fil-fatt jirrizulta li missier l-attrici kien dejjem maghruf bil-kunjom 'Borg Bonaci' kif jirrizulta mid-dokumenti u affidavits esebiti. Ghalhekk it-talbiet kif dedotti ghandhom jigu milqugha.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, inkwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli mal-premess, **tilqa' t-talbiet attrici** kif dedotti fic-citazzjoni, b'dan li:-

1. Tiddikjara li l-attrici u missier l-attrici, igibu l-kunjom ta' **Borg Bonaci**, u mhux **Borg**;

2. Tordna li l-Att tat-twelid ta' l-attrici li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 6355 ta' l-1931 (Dok. "A") jigi emendat fis-sens

li fil-kolonna intestata Isem u Kunjom tal-genituri tat-tarbija, (i) missier it-tarbija ghandu jigi indikat bhala **Giuseppe Borg Bonaci** minflok **Giuseppe Borg**, u (ii) omm it-tarbija ghandha tigi ndikata li hija l-mara ta' **Giuseppe Borg Bonaci,** minflok tibqa' indikata bhala mart **Giuseppe Borg;**

3. Tordna li l-Att taz-zwieg ta' l-attrici li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 370 ta' l-1967 jigi emendat fis-sens li (i) fil-kolonna intestata *Isem u Kunjom il-mara mizzewga,* l-isem **GIOVANNA known as VANNA BORG** ghandu jigi korrett u sostitwit bl-isem **GIOVANNA known as VANNA BORG BONACI;** u (ii) fil-kolonna intestata *Isem u l-kunjom, jekk hajjin jew mejtin, tal-Missirijiet u ommijiet l-gharajjes,* missier il-mara indikat bhala **JOSEPH BORG (dead)** ghandu jigi korrett u sostitwit bil-kliem **JOSEPH BORG BONACI (dead).**

Illi l-Qorti tordna ukoll li *ai termini* tal-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dak in-nhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess dispozizzjonijiet tal-**Kap 16.**

Illi dwar il-kap tal-ispejjez dawn ghandhom jigu ssoportati mill-istess attrici, *stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-konvenut odjern.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------